Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0460

Riforma ulterjuri tar-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar ir-riforma ulterjuri tar-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva (2022/2146(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta’ Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta’ tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta’ imgħax u ta’ royalties bejn kumpaniji assoċjati ta’ Stati Membri differenti[1] (id-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta’ Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta’ Stati Membri differenti[2] (id-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta’ Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[3] (id-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa I jew ATAD I) u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/952 tad-29 ta’ Mejju 2017 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta’ diskrepanzi ibridi ma’ pajjiżi terzi[4] (ATAD II),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta’ Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE[5] (id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-Qasam tat-Tassazzjoni jew DAC 1), id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta’ Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku

---

1 ĠU L 157, 26.6.2003, p. 49.
2 ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8.
3 ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1.
4 ĠU L 144, 7.6.2017, p. 1.
5 ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1.

obbligatorju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni[1] (DAC 2), id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta’ Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni[2] (DAC 3), id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta’ Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni[3] (DAC 4), id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 tas-6 ta’ Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus[4] (DAC 5), id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta’ Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta’ arranġamenti transkonfinali rapportabbli[5] (DAC 6), u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/514 tat-22 ta’ Marzu 2021 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni[6] (DAC 7),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta’ Ottubru 2017 dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa fl-Unjoni Ewropea[7] (id-Direttiva tal-UE dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2021/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat[8] (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Pubbliku Pajjiż b’Pajjiż),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta’ livell minimu globali ta’ tassazzjoni għal gruppi ta’ intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni[9] (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru),

– wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni li qed jistennew biex jiġu adottati, b’mod partikolari dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (COM(2016)0685), Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (COM(2016)0683) u pakkett dwar it-tassazzjoni diġitali (COM(2018)0147 u COM(2018)0148), kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-Parlament dwar dawn il-proposti,

---

1 ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1.
2 ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1.
3 ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8.
4 ĠU L 342, 16.12.2016, p. 1.
5 ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1.
6 ĠU L 104, 25.3.2021, p. 1.
7 ĠU L 265, 14.10.2017, p. 1.
8 ĠU L 429, 1.12.2021, p. 1.
9 ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1.

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Jannar 2019 intitolata “Lejn teħid ta’ deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiku fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni tal-UE”[1] ,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Lulju 2020 intitolata “Pjan ta’ azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta’ rkupru” (COM(2020)0312),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Mejju 2021 intitolata “It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21” (COM(2021)0251),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Diċembru 2021 intitolata “Il-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-UE” [2],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Diċembru 2021 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta’ livell minimu globali ta’ tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823), kif ukoll il-pożizzjoni tal-Parlament dwar din il-proposta[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta’ Ġunju 2023 intitolata “Il-Kummissjoni tipproponi l-ġenerazzjoni li jmiss ta’ riżorsi proprji tal-UE”[4],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-6 ta’ Diċembru 2022,

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni ta’ Jannar 2022 intitolat “Tax compliance costs for SMEs — An update and a complement: final report” (Kostijiet tal-konformità tat-taxxa għall-SMEs — Aġġornament u komplement: rapport finali),

– wara li kkunsidra r-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Mejju 2022 dwar is-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[5],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Mejju 2022 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-

---

1 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_19_225
2 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_7025
3 ĠU C 479, 16.12.2022, p. 89.
4 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/MT/ip_23_3328
5 ĠU C 465, 6.12.2022, p. 109.

limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva (COM(2022)0216),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija,

– wara li kkunsidra s-sejħa tal-Kummissjoni għal evidenza għal valutazzjoni tal-impatt tat-13 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT),

– wara li kkunsidra d-diskors tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fil-plenarja tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar it-tħejjijiet għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-20-21 ta' Ottubru 2022,

– wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fil-plenarja tal-Parlament Ewropew f'Settembru 2022,

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-pajjiżi fis-Semestru Ewropew tiegħu,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 intitolata "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" (COM(2023)0168),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni 2023[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar ir-riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi[2] (inkluża r-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-impatt tar-riformi fiskali nazzjonali fuq l-ekonomija tal-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġja l-istrateġija ta' rkupru (segwitu tal-PE għall-

---

1 https://taxation-customs.ec.europa.eu/taxation-1/economic-analysis-taxation/annual-report-taxation_en

2 ĠU C 132, 24.3.2022, p. 167.

3 ĠU C 342, 6.9.2022, p. 14.

Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni ta’ Lulju u l-25 inizjattiva tiegħu fil-qasam tal-VAT, it-tassazzjoni tal-intrapriżi u tal-individwi)[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Marzu 2022 dwar Qafas Ewropew dwar it-Taxxa Minn Ras il-Għajn[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta’ Ottubru 2022 intitolata “L-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq it-tassazzjoni: kriptoteknoloġiji u blockchain”[3],

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tad-19 ta’ Lulju 2013 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS),

– wara li kkunsidra l-istudji tal-Kummissjoni dwar “Aggressive tax planning indicators” (Indikaturi tal-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva)[4],

– wara li kkunsidra r-rapporti finali tal-OECD/G20 dwar il-BEPS ta’ Ottubru 2015,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS tat-8 ta’ Ottubru 2021 intitolata “Two-Pillar Solution to Address the Tax Challenges Arising from the Digitalisation of the Economy” (Soluzzjoni b’Żewġ Pilastri biex jiġu Indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija), li mis-16 ta’ Diċembru 2022 ssieħbu fiha u qablu dwarha 138 minn 141 membru,

– wara li kkunsidra r-rapporti dwar il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru adottati mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 fl-14 ta’ Ottubru 2020, u r-riżultati tal-analiżi ekonomika tal-OECD u l-valutazzjoni tal-impatt tat-12 ta’ Ottubru 2020 intitolata “Tax Challenges Arising from Digitalisation – Economic Impact Assessment” (Sfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni – Valutazzjoni tal-Impatt Ekonomiku),

---

1 ĠU C 347, 9.9.2022, p. 211.
2 Il-Parlament Ewropew, *Rapport dwar Qafas Ewropew dwar it-Taxxa minn Ras l-Għajn*, Frar 2022.
3 ĠU C 132, 14.4.2023, p. 15.
4 “Study on Structures of Aggressive Tax Planning and Indicators – Final Report” (Studju dwar l-Istrutturi u l-Indikaturi tal-Pjanifikazzjoni) fiskali Aggressiva) (Dokument dwar it-tassazzjoni Nru 61, 27 ta’ Jannar 2016), “The Impact of Tax Planning on Forward-Looking Effective Tax Rates” (L-Impatt tal-Pjanifikazzjoni Fiskali fuq il-Livelli Effikaċi ta’ Tassazzjoni Prospettivi) (Dokument dwar it-tassazzjoni Nru 64, 25 ta’ Ottubru 2016) u “Aggressive tax planning indicators – Final Report” (L-Indikaturi tal-Pjanifikazzjoni Fiskali aggressiva – Rapport Finali) (Dokument dwar it-tassazzjoni Nru 71, 7 ta’ Marzu 2018).

– wara li kkunsidra r-regoli mudell tat-Tieni Pilastru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS tal-20 ta’ Diċembru 2021 għall-implimentazzjoni domestika ta’ taxxa minima globali ta’ 15 %,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS) intitolata “Two-Pillar Solution to Address the Tax Challenges Arising from the Digitalisation of the Economy” (Soluzzjoni b’Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija), li aderew u qablu magħha 137 membru minn 141 fl-4 ta’ Novembru 2021,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-19 ta’ Ġunju 2023 għal Direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f’Ras il-Għajn Eċċessivi (COM(2023)0324),

– wara li kkunsidra l-Liġi Pubblika tal-Istati Uniti 117-169 tas-16 ta’ Awwissu 2022, magħrufa bħala l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0359/2023),

A. billi l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar il-politiki ekonomiċi tagħhom stess, b’mod partikolari l-politiki tat-tassazzjoni tagħhom stess, kif garantit bit-Trattati tal-UE, speċjalment ir-regola dwar l-unanimità tagħhom; billi sistema tat-tassazzjoni li tiffunzjona tajjeb hija fl-interess tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat il-ġbir xieraq tat-taxxi; billi, għalkemm il-politika fiskali għadha fil-biċċa l-kbira responsabbiltà tal-Istati Membri, is-suq uniku jirrikjedi koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri u fil-livell tal-UE fl-istabbiliment tal-politika tat-tassazzjoni sabiex titkompla l-integrazzjoni tas-suq uniku, sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet ekonomiċi u sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża;

B. billi l-politika tat-tassazzjoni hija kompetenza nazzjonali skont it-trattati u s-sovranità fiskali hija prinċipju fundamentali tal-ordni legali tal-UE; billi l-unanimità, hekk kif tidher fit-Trattati, trid tkun kontrobilanċjata b’livell għoli ħafna ta’ responsabbiltà min-naħa tal-Istati Membri u trid tkun konformi mal-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali abbażi tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi dan il-qafas tal-liġi primarja jippermetti livell għoli ta’ koordinazzjoni leġiżlattiva u kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri tal-UE; billi tali koordinazzjoni u kooperazzjoni huma meħtieġa sabiex tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku u jkun hemm kompetizzjoni ġusta u trasparenti fil-qasam tat-taxxa;

C. billi l-kunċett ta’ sistema tat-taxxa ġusta u effiċjenti mhux neċessarjament jwassal għal livell ġenerali ogħla ta’ tassazzjoni;

D. billi ċ-ċittadini Ewropej qed jitħabtu biex ilaħħqu mal-ħajja u, minbarra l-familji b’introjtu baxx, il-klassi medja qed tiġi affettwata dejjem aktar, u għadd ta’ kumpaniji qed jiffaċċjaw diversi sfidi; billi kumpaniji oħra, b’mod partikolari fis-settur tal-enerġija, għamlu profitti straordinarji mhux mistennija;

E. billi mill-4 ta’ Novembru 2021, 137 minn 141 membru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, qablu dwar ir-riforma tas-sistema fiskali internazzjonali permezz ta’ soluzzjoni b’żewġ pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, inkluż it-tqegħid ta’ limitazzjonijiet maqbula b’mod multilaterali fuq it-trasferiment tal-profitti;

F. billi l-SMEs bħalissa jirrappreżentaw kważi l-intrapriżi kollha tas-settur tan-negozju mhux finanzjarju tal-Unjoni Ewropea (UE-27+1) (99,8 %), żewġ terzi tal-impjiegi totali tal-UE-28 (66,6 %) u ftit inqas minn sittin fil-mija (56,8 %) tal-valur miżjud iġġenerat mis-settur tan-negozju mhux finanzjarju skont ir-rapport tal-Kummissjoni “Tax compliance costs for SMEs: An update and a complement” (Il-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa tal-SMEs: aġġornament u addizzjoni) ta’ Jannar 2022;

G. billi l-pjan ta’ azzjoni dwar il-BEPS irnexxielu jistabbilixxi kunsens fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS li jiġbor flimkien aktar minn 139 pajjiż u ġuriżdizzjoni dwar bosta kwistjonijiet rigward il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

H. billi l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva jista’ jkollha impatt fuq il-fatt li l-kontribwenti jkunu konformi mar-regoli ta’ konformità tat-taxxa u fuq il-kompetittività tal-kumpaniji u l-istabbiltà tad-dħul mit-taxxa; billi l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u l-kompetizzjoni fiskali dannuża jista’ jkollhom impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq uniku;

I. billi l-UE mexxiet bl-eżempju fit-traspożizzjoni ta’ ftehimiet internazzjonali f’direttivi li jtejbu l-koordinazzjoni u l-ġlieda tal-UE kontra l-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva; billi l-Istati Membri wrew ċertu grad ta’ diversità fl-indirizzar tal-pjan ta’ azzjoni tal-OECD dwar il-BEPS;

J. billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompla l-kompitu tiegħu li jidentifika u jrażżan il-miżuri dannużi ta’ tassazzjoni tal-Istati Membri; billi fit-8 ta’ Novembru 2022 il-ministri tal-Finanzi qablu li jsaħħu l-kodiċi ta’ kondotta; billi xi kumpaniji jidher li qed jadattaw għal regoli fiskali ġodda u jistgħu japplikaw skemi ta’ pjanifikazzjoni fiskali aggressiva; billi l-Pakkett Finali tal-BEPS għar-riforma tas-sistema tat-taxxa internazzjonali biex jiġi

indirizzat l-evitar tat-taxxa ġie approvat mill-pajjiżi parteċipanti tal-OECD/G20 fl-2015;

K. billi r-rata medja nominali tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu fil-pajjiżi tal-UE nbidlet minn 35 % fl-1995 għal 21,2 % fl-2023;

L. billi minn Ġunju 2023, 143 ġuriżdizzjoni, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, kienu qablu dwar ir-riforma tas-sistema ta' tassazzjoni internazzjonali permezz ta' soluzzjoni b'żewġ pilastri;

M. billi l-ftehim interistituzzjonali legalment vinkolanti tas-16 ta' Diċembru 2020 jipprevedi l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali ta' riżorsi ġodda; billi r-riżorsi proprji l-ġodda proposti mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021 huma maħsuba biex ikopru parti mill-ħlas lura ta' Next Generation EU; billi, f'Ġunju 2023, il-Kummissjoni pproponiet riżorsa proprja marbuta mas-settur korporattiv;

N. billi l-frammentazzjoni, il-kumplessità u d-diġitalizzazzjoni inadegwata tal-politika fiskali jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' diversi ostakli għall-kumpaniji, inklużi l-ħaddiema fl-SMEs, dawk li jaħdmu għal rashom u ċ-ċittadini fis-Suq Uniku, l-inċertezza legali, il-burokrazija, ir-riskju ta' tassazzjoni doppja, id-diffikultajiet biex jitolbu rifużjonijiet tat-taxxa; billi dawk l-ostakli jiskoraġġixxu l-attività ekonomika transfruntiera fis-Suq Uniku; billi biex jingħelbu dawn l-ostakli hemm bżonn ta' kooperazzjoni multilaterali fost l-Istati Membri u l-implimentazzjoni urġenti min-naħa tal-Istati Membri ta' soluzzjonijiet diġitali li jissimplifikaw u jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità mar-regoli fiskali tan-negozji; billi l-frammentazzjoni tal-politika toħloq ukoll riskji għall-awtoritajiet tat-taxxa bħan-nontassazzjoni doppja u l-possibbiltajiet ta' arbitraġġ (pjanifikazzjoni fiskali); billi xi Stati Membri żviluppaw skemi li jikkawżaw tassazzjoni aktar baxxa mir-rata nominali nazzjonali, u jistgħu jpoġġu lill-SMEs fi żvantaġġ kompetittiv;

O. billi l-Istati Membri qed ikomplu jitilfu d-dħul mit-taxxa minħabba prattiki dwar it-taxxa dannużi, u l-istimi tad-dħul mitluf minħabba prattiki dwar it-taxxa dannużi jvarjaw bejn EUR 36-37 biljun u EUR 160-190 biljun fis-sena; billi l-frammentazzjoni tal-politika taf iżżid il-kostijiet tal-infurzar għall-awtoritajiet tat-taxxa;

P. billi l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà applikat għall-profitti straordinarji mhux mistennija ta' xi kumpaniji mis-settur tal-enerġija;

Q. billi fi ħdan l-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE, kemm il-livelli adegwati ta' taxxa kif ukoll il-liġijiet fiskali sempliċi u ċari ma għandhomx ifixklu t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-atturi ekonomiċi; billi l-politiki fiskali sodi għandhom jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku u jtejbu l-kompetittività tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;

R. billi tali frammentazzjoni tal-politika tat-tassazzjoni trid tiġi mitigata b'aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni u b'impenn ċar tal-Istati Membri bit-traspożizzjoni rapida u kompetenti tad-Direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni;

S. billi l-maġġoranza tas-sistemi tat-tassazzjoni korporattiva fl-UE jippermettu tnaqqis ġeneruż tat-taxxi fuq il-pagamenti tal-imgħax[1]; billi l-kostijiet tal-finanzjament mill-bejgħ tal-ishma, li jinkludu l-pagamenti tad-dividendi, ma jistgħux jitnaqqsu b'mod simili; billi hemm żvantaġġi strutturali li jiffaċċjaw il-kumpaniji li jiddependu mill-finanzjament mill-bejgħ tal-ishma, b'mod partikulari jekk ikunu kumpaniji ġodda u żgħar b'aċċess limitat għall-kreditu; billi din il-predispożizzjoni toħloq inċentivi problematiċi favur id-dejn eċċessiv; billi l-indennizzi ta' ekwità korporattiva jista' jkollhom impatt fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri u jridu jitfasslu bir-reqqa;

T. billi l-kumpaniji privati, inklużi l-SMEs, għandhom rwol fundamentali fis-soċjetà peress li huma l-ġeneraturi ewlenin tal-impjiegi; billi permezz tal-attività kummerċjali tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet joħolqu opportunitajiet ta' impjieg għal miljuni ta' nies, u mbagħad dan jixpruna l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-komunitajiet li joperaw fihom; billi peress li jrawmu l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, l-intrapriżi privati jippromwovu l-effiċjenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi, u dan jirriżulta f'żieda fil-produttività u fit-tkabbir ekonomiku; billi l-attività kummerċjali privata tiġġenera wkoll dħul mit-taxxa għall-istat, li jista' jintuża biex jiffinanzja servizzi pubbliċi essenzjali; billi l-intrapriżi privati, bħala l-ġeneraturi ewlenin tal-impjiegi, għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-soċjetajiet, billi jippromwovu l-progress u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies;

U. billi l-Kummissjoni ħabbret proposta għal sett uniku ta' regoli fiskali għan-negozju fl-Ewropa, intitolata L-Intrapriżi fl-Ewropa: qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT);

V. billi l-impetu leġiżlattiv tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni għandu jsegwi prijoritajiet ċari marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, il-promozzjoni tas-simplifikazzjoni amministrattiva, it-tnaqqis tal-burokrazija u l-mitigazzjoni tal-ispejjeż tal-konformità, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs;

1. Ifakkar li minkejja li l-politika tat-tassazzjoni jibqgħu responsabbli għaliha l-Istati Membri, is-Suq Uniku jirrikjedi ċertu livell ta' kooperazzjoni u armonizzazzjoni fiskali sabiex jikkompletaha, itejjibha u jkompli jiżviluppaha; jinnota, barra minn hekk, li approċċ komuni dwar il-politiki fiskali huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-

---

[1] Kummissjoni Ewropea, *Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar it-tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn u dwar il-limitazzjoni tal-possibbiltà ta' tnaqqis tal-imgħax għall-finijiet ta' taxxa korporattiva fuq l-introjtu* (SWD(2022)0145).

kompetizzjoni dannuża fil-qasam tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt, u biex jiġu miġġielda l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa; jirrimarka li tali kooperazzjoni tirrikjedi fiduċja reċiproka u *bona fide* min-naħa tal-Istati Membri kollha;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jgħinu lill-kumpaniji jtejbu l-klima tal-investiment u jagħmlu t-tassazzjoni korporattiva eħfef biex jikkonformaw magħha, aktar sostenibbli u orjentata lejn it-titjib tal-kompetittività tal-Ewropa;

3. Jissottolinja li l-Istati Membri tal-UE għandhom responsabbiltà sħiħa għall-ġbir xieraq tat-taxxa u huma intitolati li jiddeċiedu dwar is-sistemi fiskali tagħhom stess filwaqt li jirrispetta is-Suq Uniku u d-drittijiet fiskali ta' Stati Membri oħra; jenfasizza li sistemi ta' tassazzjoni u amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa li jiffunzjonaw tajjeb għandhom rwol ewlieni fil-ġbir tat-taxxi u li d-dħul sostenibbli mit-taxxa fil-baġits pubbliċi tal-Istati Membri huwa importanti;

4. Jieħu nota tal-pakkett imressaq mill-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni tat-taxxa għall-SMEs u l-BEFIT; jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 li jappellaw għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju ġenerali u għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv, u l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 li tissottolinja li l-qafas tat-taxxa tal-UE huwa kruċjali fl-appoġġ għat-tkabbir u l-investiment privat, b'mod partikolari billi jneħħi l-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier, u li r-rwol attiv tal-UE dwar il-politiki tat-tassazzjoni għandu l-għan li jindirizza d-distorsjonijiet, jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u jipprevjeni l-frammentazzjoni tiegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu adottati soluzzjonijiet fil-livell tal-UE li jkunu mfassla tajjeb, u li jieħdu kont tas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri u ma jimponux piżijiet addizjonali, sproporzjonat u mhux meħtieġ fuq in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs;

5. Jissottolinja li huwa ta' importanza kbira li tiġi miġġielda l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva[1] u l-evażjoni fiskali, u li jiġu promossi l-ġustizzja fiskali, it-trasparenza u ċ-ċertezza; jenfasizza li l-indirizzar tal-evażjoni fiskali, l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva se jipprovdu dħul addizzjonali mit-taxxa li jgħin lill-gvernijiet nazzjonali jżommu t-taxxi f'livelli li jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-attraenza u l-kompetittività fiskali tal-UE;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza rigward il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

7. Jirrikonoxxi l-azzjonijiet tal-passat tal-UE kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva f'konformità mal-iżviluppi

---

[1] OECD, Aggressive Tax Planning (Pjanifikazzjoni fiskali aggressiva).

internazzjonali fil-livell tal-OECD/G20; Jieħu nota tad-diversi direttivi dwar it-tassazzjoni mill-2011 li wasslu għal tassazzjoni korporattiva aktar ġusta, aktar sempliċi u aktar effettiva fl-UE, u għal għadd kbir ta' obbligi ta' konformità mar-regoli tat-taxxa fuq il-kumpaniji fl-UE[1]; jinnota li l-benefiċċji ta' dawn id-direttivi għandhom jegħlbu l-kostijiet tagħhom, u li l-obbligi ta' konformità mar-regoli tat-taxxa fuq il-kumpaniji fl-UE, b'mod partikolari l-SMEs, u l-kostijiet rilevanti m'għandhomx ikunu sproporzjonati; madankollu, jinnota wkoll direttivi sinifikanti li ġew imblukkati fil-Kunsill, bħall-proposta għal Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, jew il-bażi komuni għat-taxxa korporattiva (BKTK) u l-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK); jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Parlament Ewropew adotta pożizzjoni komuni dwar id-Direttiva dwar il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva fl-2018[2];

8. Jiddeplora l-fatt li f'ċerti każijiet l-Istati Membri implimentaw u applikaw direttivi dwar it-tassazzjoni b'mod diverġenti, li jista' jdgħajjef il-funzjonament xieraq tas-suq uniku u jwassal għal allinjament ħażin fil-bażijiet għat-taxxa, aktar burokrazija u kostijiet ogħla ta' konformità; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-direttivi dwar it-taxxa jiġu trasposti kompletament u jissodisfaw l-intenzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva; jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u, b'mod ġenerali, id-differenzi fl-amministrazzjoni pubblika usa' tal-pajjiżi jħallu impatt fuq il-piż tal-konformità, partikolarment għall-SMEs, għax dawn iridu jaffrontaw 27 sistema fiskali differenti, kif osservat il-Kummissjoni f'Jannar 2022; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet konsistenti, ġusti u ċari dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi għall-Istati Membri individwali, kif ukoll dwar l-infurzar effettiv tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jagħmlu l-aħjar użu mill-fora eżistenti tal-UE biex jiżguraw implimentazzjoni koerenti tal-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-UE madwar l-Istati Membri;

9. Jenfasizza li l-ambjent tat-taxxa, jiġifieri fir-rigward tat-tassazzjoni korporattiva, jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' investiment u, għalhekk, huwa wieħed mill-fatturi li jinfluwenzaw il-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-kompetittività;

---

1 Ara b'mod partikolari d-Direttivi Kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD I u ATAD II), l-emendi għad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 1 sa DAC 7), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva tal-UE dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim, id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Pubbliku Pajjiż b'Pajjiż, jew id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru.

2 Testi adottati, P8_TA(2018)0087.

It-tnaqqis tal-piż tal-konformità fuq il-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari fuq l-SMEs

10. Jinnota li skont il-Kummissjoni, il-kostijiet stmati tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għall-intrapriżi multinazzjonali kbar (MNEs) jammontaw għal madwar 2 % tat-taxxi mħallsa, filwaqt li għall-SMEs l-istima hija ta' madwar 30 % tat-taxxi mħallsa; jiddeplora l-fatt li xi Stati Membri żviluppaw skemi tat-taxxa li jippermettu disparitajiet bejn l-MNEs u l-SMEs u b'hekk ipoġġu lill-SMEs fi żvantaġġ kompetittiv; ifakkar li l-SMEs huma l-ixprunaturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku u tal-ħolqien tal-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal politiki tat-taxxa b'mod li jagħmilha faċli biex jiġu implimentati għal kumpaniji iżgħar, peress li b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż li jġarrbu u jitnaqqsu l-obbligi amministrattivi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tat-taxxa;

11. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju fl-UE kollha dwar il-livelli tal-ispejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa, fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż u evalwazzjoni ġenerali tax-xenarju identifikat; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tagħmel segwitu għal din il-valutazzjoni b'inizjattiva li tindirizza l-kostijiet għoljin ta' konformità u ssaħħaħ il-kooperazzjoni biex jitnaqqas il-piż amministrattiv;

12. Josserva li fis-suq uniku, l-attivitajiet transfruntiera għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom għadhom kumplessi mil-lat amministrattiv minn perspettiva ta' taxxa u ta' sigurtà soċjali; josserva, barra minn hekk, li l-possibbiltà akbar ta' telexogħol aggravat din il-kwistjoni;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta evalwazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet preċedenti meħuda dwar it-tassazzjoni korporattiva mill-2011 u tippubblika valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa dwar l-aħjar għażliet biex jittaffa l-piż amministrattiv fuq in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, biex jiġu identifikati d-differenzi kollha fit-traspożizzjoni fl-UE, u jiġu identifikati oqsma għas-simplifikazzjoni u biex jiġi żgurat li n-negozji li diġà jinsabu taħt pressjoni jkollhom perjodu ta' żmien raġonevoli biex jimplimentaw il-politiki; jenfasizza t-talba tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2023 biex il-Kummissjoni twettaq kontrolli tal-kompetittività għal proposti leġiżlattivi ġodda, inkluż dwar it-tassazzjoni, u jenfasizza li l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta ġdida, jekk ikun meħtieġ, għandha tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel, l-integrità u l-kundizzjonijiet ekwi tas-Suq Uniku u ma toħloqx piż sproporzjonat fuq il-kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni tqis ukoll, fi proposti leġiżlattivi ġodda dwar it-tassazzjoni, il-kompatibbilità mas-soluzzjonijiet (inklużi soluzzjonijiet diġitali) diġà introdotti fi Stati Membri individwali li jgħinu biex jitnaqqas il-piż fuq in-negozji;

14. Jieħu nota tal-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tad-9 ta' Mejju 2022 u l-proposti dwar it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE u l-

approfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku bl-għan li jinkiseb ċertu livell ta’ armonizzazzjoni u koordinazzjoni tal-politiki tat-taxxa fl-Istati Membri sabiex jiġu evitati l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa filwaqt li jiġi appoġġat is-suċċess ekonomiku tal-kumpaniji; jistenna l-proposta mħabbra mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fid-19 ta’ Ottubru 2022 sabiex tintroduċi kontroll tal-kompetittività standard fir-regolamentazzjoni tal-UE; jirrimarka li ż-żamma tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE issa għandha tiġi kkunsidrata fl-iżvilupp ta’ leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni ġdida; jistenna li l-kompetittività tirrispetta bis-sħiħ l-istandards tax-xogħol u soċjali eżistenti tal-UE;

15. Jilqa’ l-Pjan REPowerEU u l-prijoritajiet tiegħu u jistieden lill-Istati Membri jintegraw miżuri fiskali biex iħaffu l-eżekuzzjoni tal-fondi, jiksbu kompetittività akbar u jgħinu lill-SMEs, lill-kumpaniji u lis-settur tal-industrija jiksbu l-objettivi ta’ dan il-programm fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) modifikati tagħhom kif issuġġerit mill-Kummissjoni;

16. Jieħu nota tad-dibattitu mġedded dwar l-inċentivi fiskali b’segwitu għall-adozzjoni ta’ Regoli Mudell tat-Tieni Pilastru li jiggarantixxu livell minimu ta’ tassazzjoni korporattiva effettiva fuq l-introjtu ta’ 15 % u tal-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-esperimentazzjoni bi krediti tat-taxxa, b’mod partikolari fil-qafas rivedut tal-għajnuna mill-Istat tal-UE; jinnota, madankollu, li d-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b’mod koordinat biex jiġi ppreżervat il-funzjonament tas-suq uniku, skont il-liġijiet tal-kompetizzjoni u b’mod li tiġi evitata kwalunkwe kompetizzjoni ta’ sussidji internazzjonali; jenfasizza li l-inċentivi fiskali għandu jkollhom l-għan li jattiraw investimenti reali, u għandhom jieħdu kont tat-tħassib dwar soċjetà li qed tixjieħ, standards tax-xogħol u soċjali deċenti, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

17. Jinnota li l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jinvolvu ruħhom f’politiki ta’ nfiq sħiħ għall-investimenti kapitali u jagħmlu d-dispożizzjonijiet dwar il-konċessjonijiet kapitali permanenti sabiex itejbu l-investimenti reali, b’mod partikolari fir-riċerka u żvilupp u sabiex jilħqu miri klimatiċi, kif ukoll sabiex jassistu l-kompetittività tal-Ewropa; iqis li l-infiq sħiħ għall-investimenti kapitali jirrikjedi implimentazzjoni koordinata, tfassil bir-reqqa u diliġenza amministrattiva sinifikanti biex tiġi evitata vettura għal sussidji tat-taxxa mhux ġustifikati jew għal abbuż mit-taxxa; iqis, għalhekk, li tali politiki għandhom jimxu id f’id mal-monitoraġġ regolari u l-analiżijiet tal-effetti konsegwenzjali;

18. Jistieden lill-Istati Membri, fid-dawl tar-rati għoljin ta’ inflazzjoni, itaffu l-piż fuq il-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, pereżempju permezz ta’ miżuri tat-taxxa temporanji biex itaffu ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u jużaw id-dħul addizzjonali bbażat fuq prezzijiet ogħla tal-

enerġija biex jipprovdu għajnuna diretta u mmirata biex jgħinu liċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli u lill-klassi medja u biex itaffu l-piż fuq iċ-ċittadini u l-kumpaniji, speċjalment l-SMEs li ntlaqtu serjament mill-kriżi;

Il-Ftehim dwar it-Tieni Pilastru

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-qbil li ntlaħaq dwar soluzzjoni b'żewġ pilastri fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-allokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni u l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa effettiva minima ta' 15 % fuq il-profitti globali tal-MNEs u l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru li timplimenta l-ftehim internazzjonali fil-liġi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lura lill-Parlament dwar is-suċċess tal-proċess ta' ratifika tal-ftehim dwar it-tieni pilastru f'pajjiżi mhux tal-UE;

20. Josserva li, minbarra li jkampaw f'ambjent kummerċjali volatili u għadd dejjem akbar ta' direttivi tal-UE dwar it-tassazzjoni, il-kumpaniji qed jiffukaw ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħhom fuq l-applikazzjoni tar-regoli tat-Tieni Pilastru, u fuq ir-rispett ulterjuri tal-gwida tal-OECD u interpretazzjonijiet oħra minn Stati Membri individwali; jieħu nota tal-pakkett imressaq mill-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2023 dwar is-simplifikazzjoni tat-taxxa għall-SMEs, il-BEFIT u l-ipprezzar ta' trasferiment; jistenna bil-ħerqa li jibda negozjati dwar il-fajls differenti u li jivvaluta l-effettività u l-impatt tar-regoli tat-tieni pilastru, jiġifieri fil-kuntest tal-għanijiet mistennija, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, il-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-kompetizzjoni fiskali dannuża u dħul mit-taxxa ogħla;

21. Josserva li r-regoli tal-Ewwel u t-Tieni Pilastru huma applikabbli biss għall-MNEs b'fatturat ogħla mil-limiti, rispettivament, ta' EUR 20 biljun u bi profittabbiltà akbar minn 10% u EUR 750 miljun; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, huma għalhekk eżentati minn dan il-ftehim; jieħu nota tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tibni l-BEFIT fuq il-ftehim internazzjonali dwar it-tieni pilastru u d-Direttiva tal-UE dwar it-Tieni Pilastru;

22. Jifhem li l-Ftehim għal Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar il-BEPS kien maħsub bħala pakkett bl-għan li ż-żewġ pilastri jkunu fis-seħħ simultanjament; jieħu nota tad-Dikjarazzjoni tal-Eżitu tal-Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar il-BEPS tal-11 ta' Lulju 2023 dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri Biex Jiġu Indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija. jiddispjaċih dwar is-sekwenzi taż-żmien differenti tal-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru; jieħu nota tax-xenarju internazzjonali dwar it-traspożizzjoni tad-Direttivi dwar l-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru.

23. Jieħu nota tar-riforma reċenti tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fl-2022; jistieden

lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi jippreżentaw valutazzjoni tar-riformi tal-passat; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 li jinkludi fil-valutazzjoni miżuri fiskali li jwasslu għal livelli baxxi ta' tassazzjoni f'konformità mal-pilastru 2;

24. Jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni tikkunsidra l-potenzjal tal-introduzzjoni ta' riżorsa ġdida proprja bbażata fuq il-qafas BEFIT ladarba jiġi adottat, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ftehim interistituzzjonali)[1]; ifakkar li, jekk l-implimentazzjoni tal-Ewwel Pilastru tiddewwem lil hinn mill-mandat attwali, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tressaq imposta diġitali; jieħu nota li l-Kummissjoni tenniet ir-rikonoxximent tagħha li l-BEFIT huwa rilevanti wkoll minn perspettiva tar-riżorsi proprji;

25. Ifakkar li l-Parlament diġà u f'diversi okkażjonijiet, inkluż fir-riżoluzzjoni adottata reċentement dwar ir-Riżorsi Proprji: bidu ġdid għall-finanzi tal-UE, bidu ġdid għall-Ewropa[2], esprima appoġġ għal riżorsi proprji ġodda marbuta mat-tassazzjoni korporattiva bħall-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), it-taxxa fuq is-servizzi diġitali u, aktar reċentement, għal riżorsa proprja bbażata fuq l-"Ewwel Pilastru" fil-kuntest tal-qafas inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS; ifakkar, barra minn hekk, fl-appell tiegħu għal Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF) fl-UE kollha u biex jiġu evalwati, bħala opzjonijiet ulterjuri, id-dazju tas-sisa fuq ix-xiri lura tal-ishma korporattivi kif propost mill-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni u qafas komuni u standardizzat għat-taxxa minn ras il-għajn;

26. Jenfasizza li riżorsi proprji ġodda mfassla tajjeb ibbażati fuq taxxi korporattivi jeħtieġ li jkunu kompletament kompatibbli mal-objettiv ta' reġim tat-taxxa simplifikat, u li jistgħu jippromwovu l-ġustizzja fiskali; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika sinerġiji bejn il-modernizzazzjoni tar-regoli tat-taxxa u r-riżorsi proprji potenzjali bbażati fuq it-taxxa;

27. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja tranżizzjonali bbażata fuq l-istatistika marbuta mas-settur korporattiv, li tista' tiġi implimentata sal-istabbiliment possibbli ta' riżorsa proprja marbuta mal-BEFIT; huwa tal-fehma li tali riżorsa

---

1 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
2 Testi adottati, P9_TA(2023)0195.

proprja, maħsuba b'mod koerenti, għandha tinċentiva lill-Istati Membri biex jaċċelleraw in-negozjati dwar il-BEFIT;

28. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw ir-riżorsi proprji l-ġodda maħsuba biex ikopru l-ħlas lura tal-ispejjeż tas-self tan-NextGenerationEU (NGEU) u biex jiffinanzjaw b'mod suffiċjenti l-politiki u l-prijoritajiet tiegħu mill-aktar fis possibbli.

Lejn reġim tat-taxxa korporattiva aktar ikkordinat u ssimplifikat (BEFIT)

29. Jieħu nota tal-fatt li l-BEFIT u l-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs dwar it-tassazzjoni huma komplementari u t-tnejn li huma għandhom l-għan li jsaħħu s-simplifikazzjoni għan-negozji; jistieden lill-Kummissjoni tissuġġerixxi miżuri li jgħinu lill-Istati Membri kollha joqorbu lejn sistema tat-tassazzjoni ssimplifikata, effettiva u kompetittiva biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs; jirrikonoxxi li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' rifużjoni, it-tnaqqis u l-litigazzjoni huma soluzzjonijiet oħra biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, speċjalment għall-SMEs; jinnota, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2023 dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi (FASTER) li għandha l-għan li tagħti spinta lill-investiment transfruntier u tgħin fil-prevenzjoni tal-abbuż tat-taxxa permezz ta' riforma tal-proċeduri tat-taxxa f'ras il-għajn u jappella għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tagħha;

30. Jinnota l-fatt li mill-1997 il-Kodiċi ta' Kondotta għat-Tassazzjoni tal-Intrapriżi kien l-istrument primarju tal-UE biex tiġi evitata kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fost il-kumpaniji; jissottolinja li, f'dan il-qafas, l-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw, jemendaw jew jabrogaw il-miżuri fiskali eżistenti li jikkostitwixxu kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, kif ukoll jastjenu milli jintroduċu oħrajn ġodda fil-ġejjieni; jilqa' f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2022 dwar ir-riforma fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tat-taxxa taħt skrutinju meta jiġu eżaminati prattiki dwar it-taxxa dannuża fi ħdan l-UE; jistieden lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi jagħmel użu sħiħ mill-mandat rivedut tiegħu;

31. Jistieden lill-Kunsill ikompli bin-negozjati dwar il-proposta tal-UNSHELL mingħajr aktar dewmien; ifakkar l-intenzjoni inizjali tal-Kummissjoni u l-pożizzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Jannar 2023[1];

32. Jinsab ħerqan għall-effetti mistennija tal-proposti tal-BEFIT u tas-sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT) għat-tnaqqis tal-kumplessità tal-qafas legali għas-sistemi ta' tassazzjoni korporattiva, peress li dan jgħin biex jiġi attirat l-investiment dirett barrani,

---

1 Testi adottati, P9_TA(2023)0004.

ittejjeb il-kompetittività tal-UE u b'hekk jitnaqqas ir-riskju li l-kumpaniji jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE; jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21 li tiddikjara li "In-nuqqas ta' sistema komuni ta' taxxa korporattiva fis-Suq Uniku huwa ta' xkiel għall-kompetittività... [...u li] dan joħloq żvantaġġ kompetittiv meta mqabbel mas-swieq ta' pajjiżi terzi"; ifakkar li qafas aktar sempliċi jnaqqas ukoll il-possibbiltajiet għall-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

33. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-BEFIT, bil-ħsieb li tfassal ġabra ġdida u unika tar-regoli tat-taxxa tal-UE dwar it-taxxa korporattiva, u bażi komuni għat-taxxa fuq l-introjtu għan-negozji; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposta l-ġdida tipprovdi ċarezza u prevedibbiltà għall-kumpaniji u li tiffaċilita l-attività ekonomika transfruntiera; jisħaq li kwalunkwe proposta bħal din jeħtieġ li tikkunsidra l-ftehimiet milħuqa jew id-diskussjonijiet li jkunu għaddejjin fil-livell globali li jipproteġu l-interessi tal-UE; itenni li l-ftehimiet dwar l-oqfsa tat-taxxa korporattiva huma l-aktar effettivi meta jintlaħqu fil-livell globali;

34. Jifhem li l-inizjattiva BEFIT hija opportunità biex jiġu indirizzati l-kostijiet assoċjati mal-konformità mar-regoli tat-taxxa u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li tgħin biex tiġi minimizzata l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u jitrawmu kundizzjonijiet ekwi għall-SMEs; iqis li t-tiswija ta' lakuni li jippermettu l-evażjoni, l-evitar u l-frodi fiskali għandha tkun koperta fl-inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam tat-tassazzjoni; jinnota li dan jirrikjedi ħidma kontinwa fuq il-qafas tat-taxxa korporattiva biex isiru aġġustamenti f'dan ir-rigward;

35. Ifakkar li jqis li l-inizjattiva BEFIT għandha tiġi appoġġjata mill-proċess politiku fil-bini ta' appoġġ politiku għall-bidla; jieħu nota tar-rapport rivedut tal-valutazzjoni tal-impatt li jiċċara t-tagħlimiet meħuda minn inizjattivi preċedenti tat-taxxa korporattiva u jżid ir-rabtiet mal-Approċċ b'Żewġ Pilastri tal-OECD;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon l-objettivi mistennija tal-BEFIT, kif indirizzati fit-talba tal-Kummissjoni għal evidenza għal valutazzjoni tal-impatt, biex tiżdied ir-reżiljenza tan-negozji billi titnaqqas il-kumplessità kkawżata mis-settijiet differenti ta' regoli tat-taxxa u l-kostijiet tal-konformità li jiffaċċjaw in-negozji tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera, biex jitneħħew l-ostakli għall-investiment transfruntier u biex is-suq uniku jsir post aktar attraenti għall-investiment internazzjonali, biex jinħoloq ambjent li jwassal għal tkabbir ġust u sostenibbli billi titwitta t-triq għas-simplifikazzjoni amministrattiva, u biex jiġi pprovdut dħul mit-taxxa sostenibbli għall-baġits nazzjonali tal-Istati Membri, li huwa partikolarment importanti fil-klima ekonomika u l-isfidi soċjali diffiċli attwali; iqis li l-implimentazzjoni ta' ġabra unika tar-regoli tat-taxxa tgħin biex jitnaqqas l-ambitu għal kompetizzjoni tat-taxxa dannuża u l-evitar tat-

taxxa bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati wkoll ir-regoli dwar it-taxxi korporattivi fl-UE;

37. Jenfasizzaw ir-rwol prominenti tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex jiġi żgurat li riforma futura tal-BEFIT tiġi implimentata; jagħti parir li jiġu allokati mezzi suffiċjenti, inkluż it-taħriġ, mill-Istati Membri u permezz tal-programm FISCALIS futur;

38. Ifakkar li t-tentattivi preċedenti min-naħa tal-Unjoni li tiddefinixxi ġabra unika tar-regoli tat-taxxa kkunsidraw tliet fatturi: ix-xogħol, l-assi u l-bejgħ; jieħu nota tal-impenn tal-Kummissjoni li tivvaluta, permezz ta' rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni, emenda possibbli biex tiġi introdotta allokazzjoni bbażata fuq formuli għall-bażi għat-taxxa tal-BEFIT;

39. Jinnota li l-kumpaniji li jagħmlu negozju madwar l-UE jrid ikollhom x'jaqsmu ma' liġijiet tat-taxxa u awtoritajiet tat-taxxa differenti; jenfasizza l-idea li jkun hemm punt uniku ta' servizz li jippermetti li timtela dikjarazzjoni tat-taxxa konsolidata waħda bħala mod kif jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu minimizzati l-ostakli tat-taxxa għas-Suq Uniku; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jintroduċu sistema ta' arkivjar elettroniku li tkun ta' benefiċċju għall-kontribwenti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk l-introduzzjoni ta' punt uniku ta' servizz tirrikjedix aktar armonizzazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva u l-istabbiliment ta' formula għal allokazzjoni ġusta u effettiva tad-drittijiet ta' tassazzjoni fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-punt uniku ta' servizz jistax potenzjalment jiġi ttestjat għall-gruppi ta' negozji li joperaw fis-suq uniku li japplikaw ir-regoli tal-Pilastru Tnejn, u bħala segwitu biex jiġu inkorporati aktar tard ir-regoli l-ġodda tal-BEFIT; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 (COM(2023)0162), li enfasizzat l-utilità tal-punti uniċi ta' servizz biex jitnaqqsu l-ostakli;

40. Iqis li l-kumpaniji kbar ħafna kollha li joperaw fl-UE għandhom jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta futura dwar il-BEFIT; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-talbet speċifiċi tal-SMEs jiġu ssodisfati, billi l-BEFIT jinżamm dejjem fakultattiv għall-SMEs, speċjalment dawk li ma jagħmlux negozju transfruntier; jilqa', madankollu, kwalunkwe proposta li tippermetti lil ditti iżgħar jiddependu fuq qafas ta' tassazzjoni korporattiva volontarju, simplifikat u armonizzat;

41. Jisħaq li l-predispożizzjoni favur id-dejn fit-tassazzjoni korporattiva, li tippermetti tnaqqis ġeneruż tat-taxxa tal-pagamenti tal-imgħax, filwaqt li l-kostijiet tal-finanzjament tal-ekwità ma jistgħux jitnaqqsu b'mod simili, jenfasizza l-iżvantaġġi strutturali li jiffaċċjaw il-kumpaniji li jiddependu fuq il-finanzjament tal-ekwità, li spiss ikunu kumpaniji iżgħar fid-daqs u fl-età b'aċċess iktar batut għall-kreditu;

jieħu nota li, fil-passat, il-kwoti għall-ekwità korporattiva ntużaw ħażin minn attivitajiet illegali; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 li tindirizza l-predispożizzjoni favur id-dejn bħala mezz biex jiġi promoss il-finanzjament permezz tas-swieq kapitali minflok ma jiġi diżinċentivat il-finanzjament tad-dejn, u jirrikonoxxi s-sjieda tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jissospendi l-eżami tal-proposta; jistieden lill-Kunsill jivvaluta mill-ġdid u possibbilment jerġa' jibda n-negozjati dwar din il-proposta bl-għajnuna tal-Kummissjoni; jappoġġja l-inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet b'saħħithom kontra l-evitar inklużi dawk stabbiliti fl-Artikolu 5 fil-proposta tal-Kummissjoni u jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni kontra l-erożjoni tal-bażi;

42. Iqis li ċ-ċertezza tat-taxxa tissaħħaħ jekk l-Istati Membri jkollhom fehim komuni ta' dak li jikkostitwixxi inċentivi tat-taxxa mhumiex distorsivi; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-effettività tal-kaxxi tal-privattivi u ta' reġimi oħra tal-proprjetà intellettwali (PI) fl-ambitu tal-approċċ nexus il-ġdid definit mill-Azzjoni 5 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS rigward il-prattiki dwar it-taxxa dannużi;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta sinifikanti lill-baġits tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni biex jintlaħaq l-objettiv ta' 3 % tal-PDG tal-UE b'mod koordinat; jenfasizza li l-inċentivi fiskali mmirati, applikati b'mod responsabbli għar-riċerka u l-iżvilupp privati (eż. permezz ta' krediti tat-taxxa, benefiċċji mtejba jew skedi ta' deprezzament aġġustati) jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-infiq ġenerali ta' kwalunkwe ekonomija lejn ir-riċerka u l-iżvilupp, li spiss jiġi b'esternalitajiet pożittivi; jisħaq li analiżi regolari ta' tali esternalitajiet pożittivi għandha titwettaq u tiġi aġġustata jew imħassra, jekk l-inċentivi jonqsu milli jipproduċu r-riżultat maħsub, jieħu nota tal-valutazzjoni li tali inċentivi huma aktar effettivi għall-SMEs jekk ikunu bbażati fuq in-nefqa[1]; jissottolinja li tali inċentivi tat-taxxa jridu jkunu strettament konformi mal-liġijiet eżistenti u mal-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE; ifakkar li l-infiq korporattiv fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kien ugwali għal 1,5 % biss tal-PDG tal-UE fl-2020, meta mqabbel ma' 2,6 % fl-Istati Uniti u fil-Ġappun, skont ir-rapport ta' investiment tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2022/2023; jinnota li dan in-nuqqas jista' jnaqqas il-kompetittività fit-tul tal-UE; jilqa' f'dan ir-rigward il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 li tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni

[1] Sottokumitat għall-Kwistjonijiet Fiskali, seduta ta' smigħ dwar "The role of tax incentives and exemptions in the framework of the reform of corporate taxation and in the promotion of European economies' competitiveness" (Ir-rwol tal-inċentivi u l-eżenzjonijiet fiskali fil-qafas tar-riforma tat-tassazzjoni korporattiva u fil-promozzjoni tal-kompetittività tal-ekonomiji Ewropej), 11 ta' Lulju 2022.

tippreżenta valutazzjoni tal-inċentivi fiskali l-iktar effettivi u effikaċi għar-riċerka u l-iżvilupp privati;

44. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex ittejjeb il-veloċità, l-effiċjenza, l-affidabbiltà, it-trasparenza u r-reżiljenza tal-proċeduri amministrattivi relatati mat-taxxa; jifhem li l-Kummissjoni tista' ssegwi tali valutazzjoni tal-impatt bi proposta biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-prattiki tajba identifikati, li jwasslu għal ambjent favorevoli għan-negozju, b'inqas burokrazija, spejjeż ta' konformità u piż żejjed amministrattiv.

°

° °

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.